**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 41

**It-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Minħabba li kien hemm iċ-ċerimonja tal-ħatra tas-Sindku u l-viċi Sindku, is-seduta bdiet fis-sitta.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku (ċerman) |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku, ippresjeda.

## Minuti

## 41.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

41.01.01 NIL

(SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittri t' apoloġija, mingħand il-Kunsillier (MM) u (CS). Il-Kunsill laqa' dawn l-ittri t' apoloġija u approvahom.

## 41.02 Approvazzjoni tal-Minuti (40)

41.02.01 Inġibdet l-attenzjoni mis-Sindku, li f' para. 40.07 (tieni vers), palm żgħir trid tinbidel u tiġi emendata għal 'mhux miżbur'. Filwaqt li f' paġna 6 (para. 40.11.03) Parks (Malta), trid tiġi emendata għal Ambjent (Malta).

41.02.02 Inġibdet l-attenzjoni wkoll mill-kunsillier (DP) li para 40.13.01, li jikkonċerna lill-iskeda tal-LC Care Grant, kienet tkun aktar aħjar li kieku kienet tifforma parti minn Proġetti u Skemi, kif ukoll para 40.12.02, minn Toroq u Servizzi.

<u>Prop: (DP)</u>  <u>Sek: (AC)</u>

## 41.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

41.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

<u>Prop: (SZ)</u>  <u>Sek: (Viċi)</u>

## 41.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

41.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' ACs għas-sala tal-komunità.
   Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu mingħand Paulson – ditta GREE, għal prezz ta' €2,190.00.

2. Kwotazzjoni għal fencing mad-dawra tal-bandli.
   Iż-żewġ kwotazzjonijiet li ġew ippreżentati, kienu jaqbżu l-ammont li toħroġ sejħa għall-offerti. Għal dan il-għan, is-Sindku talab lil kunsillier (AC), sabiex jikkordina mal-Perit tal-Kunsill, biex tagħmel ftit market research u t' aġġornana.

3. Kwotazzjoni għal Cat Shelters
   Il-Kunsill iddeċieda li jmur għal kwotazzjoni mingħand Borg Cardona (option 3). Għalkemm din il-kwotazzjoni hija ogħla mit-tnejn l-oħra, però l-Kunsill qabel li din tkun l-aħjar.

## 41.05 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

41.05.01 Is-Sindku aġġorna lil Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni li kien ressaq waqt is-seduta preċidenti, fuq il-kuntratt tal-knies, li ġie mġedded awtomatikalment f' Lulju. Il-maniġer tal-kuntratti għamel l-ewwel draft tal-kuntratt, fejn ser ikun qiegħed jiġi preżentat waqt is-seduta li jmiss, f' Ottubru.

41.05.02 Il-Kunsillier (JB) tkellem fuq l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-avukat li jirrappreżenta lil kuntrattur tal-ġonna. (JB) ikkundana u qal li din l-ittra hija inaċċettabbli. (SZ) wieġeb li ġaladarba l-ittra kienet indirizzata direttament lil maniġer tal-kuntratti, filwaqt li l-Kunsill kien biss ikkupjat, il-Kunsill ma jistax japprova r-risposta li kiteb bħala tweġiba, il-maniġer tal-kuntratti. Madankollu, il-Kunsill qabel mal-kontenut tat-tweġiba.

## 41.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

41.06.01 Is-Sindku ta' aġġornament lil Kunsill fuq diversi laqgħat li kellu waqt li kien għadu fil-ħatra ta' viċi Sindku:

- Laqgħa mal-Primary Health Care – Il-Berġa attwali kellha tingħalaq ħesrem, minħabba li hemm każ pendenti bejn il-Primary Health Care u s-sid tal-propjetà, fejn kienet qiegħda tiffunzjona. Għaldaqstant, il-Kunsill intalab sabiex javviċina lil privat għal xi post vakanti li jista' jkollu, biex il-Primary Health Care jikruh u jirranġawh kif meħtieġ. Fuq dan il-għan, is-Sindku ssuġġerixxa li għanda ssir Espressjoni ta' Interess. Is-Sindku qal li minħabba li dan jista' jieħu ż-żmien, sabiex ikollna s-servizz ta' tabib, b' mod temporarju, il-Kunsill għandu joffri l-użu tas-Sala tal-Komunità. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni.

41.06.02 Is-Sindku tkellem ukoll fuq meeting li kellu fil-presenza tal-kunsillier (AC), mal-ħaddiema tal-Public Works, fuq il-latrini ta' San Ġorġ u ta' Wied il-Buni. Li tirrigwardja lil-latrina ta' Wied il-Buni, din ser tkun inkorporati mal-proġett, filwaqt li l-latrina ta' San Ġorġ, ser issir bl-assistenza tal-Public Works.

41.06.03 Is-Sindku tkellem fuq każ ta' persuna li jagħmel użu mill-parkeġġ ta' San Ġorġ, sabiex ippoġġi d-dgħajsa. Dan wara li lmenta mal-Għaqda Sajjieda Dilettanti, li ma jridx iħallas l-ebda ħlas biex jagħmel dan. (JB) qal li għandhom jimxu mal-permess u mhuwiex fil-kompitù tal-Kunsill. Dik l-art hija tal-EneMalta u meta jridu, jistgħu jitolbuha lura.

41.06.04 Is-Sindku talab lil kunsilliera, sabiex fid-9 t' Ottubru, li taħbat il-ġurnata tas-Sibt, tiġi organizzata Stragedy Day, bejn il-Kunsill. Għal din il-ġurnata, huwa talab lil kull kunsillier, sabiex jipprepara preżentazzjoni, fuq id-dekasteru tiegħu/ tagħha.

## 41.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

41.07.01 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill, sabiex tkun tista' takkumula l-ammont ta' mija u tmien siegħat (108), iddikjarati bħala vacation leave, għas-sena 2022. Wara li din il-materja ġiet diskussa, il-membri kollha preżenti approvaw dawn is-siegħat. Waqt dan il-mument, (SE) intalbet sabiex toħroġ 'l barra mill-uffiċċju. Wara li l-Kunsill reġa' sejjaħ lil (SE), sabiex tidħol lura fil-kamra, sar ftehim bejn il-kunsilliera kollha preżenti u s-Sindku talab lil (SE), sabiex mill-għada ma tibqax tagħmel iżjed teleworking.

41.07.02 (SE) spjegat lil membri kollha tal-Kunsill, li waqt l-aħħar intervisti għal żewġ skrivani ġodda ntgħażlu żewġt persuni. Persuna minnhom, bħalma diġà jaf il-Kunsill, bl-approvazzjoni tagħhom diġà beda jaħdem fl-uffiċċju, minħabba li kien ser ikun hemm persuna nieqsa, filwaqt li talbet l-approvazzjoni sabiex l-uffiċċju jibqa' għaddej bil-proċess għall-ingaġġ tat-tieni skrivan. Dan ser ikun qiegħed jidħol minflok l-iskrivana li rriżenjat, fix-xahar ta' qabel. Il-Kunsill qabel bl-ingaġġ ta' dan it-tieni skrivan.

41.07.03 (SE) għal darba oħra reġgħet resqet għall-approvazzjoni tas-servizz tad-Data Protection Officer u fakkret li din il-ħatra hija obbligatorja fil-Kunsill. Għaldaqstant, intlaħaq quorum bejn il-kunsilliera li jinħatar id-DPO, skont il-kwotazzjoni li kien irċieva l-uffiċċju, ftit tal-ġimgħat ilu.

## 41.08 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

41.08.01 Il-kunsillier (SZ) ta aġġornament fuq il-konsultazzjoni pubblika li kienet saret fit-2 ta' Settembru, dwar l-Immaniġjar tat-Toroq, għar-residenti tal-Qajjenza, Triq San Ġwann, Triq Kartaġiniżi, Triq San Franġisk Saverju, Triq il-Ħaruf, Triq l-Arzella, Triq Santa Marija u Triq Santa Katerina. Fir-rigward Triq San Ġorġ, ser tibqa' kif inhi, Triq Santa Marija, tiġi direzzjoni 'l fuq biss, filwaqt li r-roundabout iż-żgħira li għadha kif saret, u li hija parti mill-proġett attiv fil-Bajja ta' San Ġorġ, trid titneħħa.

41.08.02 (SZ) spjega li fir-rigward tal-Qajjenza, ma kienx hemm oġġezzjonijiet, għaliex kienet diġà saret laqgħa mal-kumitat. Madankollu, il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat ittra lir-residenti tal-Qajjenza, bil-pjanta mehmuża. (SZ) għandu jiddraftja l-ittra u jgħaddiha lill-uffiċċju, għall-ipproċessar.

41.08.03 (SZ) ikkonferma li l-isleeping policeman, fi Triq il-Qoton, ser isiru.

41.08.04 Il-viċi staqsiet lil (SZ), jekk il-Kunsill huwiex ser jagħmel sleeping policeman, fi Triq FM Ferretti, meta wieħed joħroġ direzzjoni minn ħdejn l-iskips, minħabba l-kisra fit-triq. Il-Kunsill qabel li (AC) għandu jitkellem mal-Perit fuq dan l-aspett, u jieħu parir mingħandha.

41.08.05 Il-viċi staqsiet dwar it-talba għal zebra crossing, f' Dawret il-Qalb Imqaddsa. (AC) wieġeb li f' Ottubru, ser jinbeda x-xogħlijiet f' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jħaffef il-proċess, sabiex l-uffiċċju jressaq l-applikazzjoni mal-Awtorità tat-Trasport.

41.08.06 Is-Sindku tkellem fuq it-tumbata (ħofra), li hemm ħdejn il-moll ta' San Ġorġ. L-uffiċċju kien applika għal patching temporarju, madankollu, ġew il-ħaddiema tal-Public Works, biex jagħmluha.

## 41.09 Proġetti u skemi

41.09.01 (AC) ta aġġornament fuq il-proġett ta' Wied il-Buni. Huwa qal li l-bord tal-Awtorità tal-Ippjannar irrifjutat waħda miż-żewġ gabbani, filwaqt li għad hemm il-problema tal-pompa tal-petrol, fi Triq San Patrizju. L-eks Sindku emfasizza li jekk il-ġnien jaqa' f' idejn il-Kunsill, anke t-Triq taqa' f' idejn il-Kunsill. (AC) wieġeb li t-Triq mhux ser jagħtuha f' idejn il-Kunsill, madankollu, biex issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjannar, l-ewwel iridu jsaqsu l-art ta' min hi. Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li biex il-proġett jimxi 'l quddiem, iridu nkunu msieħba mal-Ministeru tat-Turiżmu. Madankollu, waqt din is-seduta, irridu naqblu biss, mal-kontenut. (SZ) ma qabilx ma' (JF), minħabba l-problema li, aparti li l-Awtorità tal-Ippjanar ma approvatx li jkun hemm pompa ġor-roundabout, il-Kunsill ikun jaqbilu jgħid li għandu l-ownership ta' din l-art.

## 41.10 Indafa u ambjent

41.10.01 Is-Sindku tkellem fuq ix-xiri tal-bankijiet bħalma diġà nxtraw ħdejn il-Monument ta' Bush u Gorbachov, tal-materjal PVC. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li jinxtraw sitt (6) bankijiet oħra. Tkellem ukoll fuq l-MoU tad-Dipartiment tal-Cleansing, fejn qal li skont l-MoU, il-Kunsill għandu ċ-ċans li jibbenifika sa massimu ta' wieħed u għoxrin (21) bin. Għaldaqstant, issuġġerixxa li wara li jiġi ffirmat il-kuntratt mad-dipartiment, għandha ssir talba għal sitt (6) bins, għal Triq Zaren Dalli.

41.10.02 Il-viċi tkellmet fuq il-problema tal-ħamiem. (AC) fakkar fil-laqgħa li kellu mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) fejn kien intqal li ser jinbeda proċess, fejn il-ħamiem jingħata għalf speċjali. (SZ) staqsa, jekk l-użu tal-gaġġa għal qbid tal-ħamiem hix illegali, jew jekk hux l-uffiċċju li qiegħed jaħseb hekk. Is-Sindku wieġeb li ser jerġa' jikteb lill-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Annimali.

41.10.03 Il-viċi tkellmet ukoll fuq dgħajsa mkissra. (SE) reġgħet intalbet sabiex tagħmel kuntatt ma' Roc-A-Go, sabiex jiġi jiddepożita d-dgħajsa mkissra fuq San Ġorġ, kif ukoll vettura abbandunata, fi Triq Santa Katerina.

## 41.11 Attivitajiet

41.11.01 Il-viċi tat spjegazzjoni ta' x'ser ikun qiegħed iseħħ f' Jum Birżebbuġa. Għal dan il-għan, inħoloq Bord abbosta, biex jevalwaw l-applikazzjonijiet. Kien hemm total ta' wieħed u tlettin (31) applikant, li tefa' l-applikazzjoni tiegħu, għal ġieħ Jum Birżebbuġa. (SZ) staqsa jekk l-ismijiet tan-nies tal-Bord, intgħażlux waqt xi Seduta. Is-Sindku wieġeb li, le. Madankollu, talab lil viċi, sabiex tibgħat il-lista kollha tal-applikanti. L-avveniment ser isir fil-25 ta' Settembru, mis-sebgħa, sat-tmienja u nofs ta' filgħaxija, ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. Madankollu, jekk it-temp ma jippermettix, ġie ssuġġerit li jintalab permess mingħand il-Kappillan, għall-użu tas-Sala, Santa Rita. L-għada l-Ħadd, ser ssir quddiesa fid-disgħa u nofs ta' filgħodu.

41.11.02 Il-viċi tkellmet ukoll fuq l-okkażjoni tal-Halloween, lejn l-aħħar t' Ottubru. Għal dan il-għan, saret laqgħa bejn iż-żewġ każini u ntlaħaq ftehim, li minflok jingħata ħelu lit-tfal, ser ikun qiegħed jinġabar ikel, għal min hu fil-bżonn.

Saru d-disgħa ta' filgħaxija (21:00) u għaldaqstant, is-Sindku talab għal estenzjoni ta' tlettin (30) minuta.

Prop: (SZ) Sek: (DP)

## 41.12 Kultura, żgħażagħ u sport

41.12.01 Is-Sindku ta aġġornament fuq il-piċċ, fejn fiehem li l-ħajt ingħalaq kollu, il-ħaddiema qegħdin jirranġaw ir-ring, filwaqt li f'Malta wasal l-open gym. Ġaladarba jiġi uffiċjali, ser ikun qiegħed jitwaħħal.

## 41.13 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

41.13.01 (AC) tkellem fuq is-CCTVs tax-xatt. Huwa spjega fuq soluzzjoni li jitwaħħlu żewġ antennas u b' hekk il-Kunsill ikun qiegħed jiffranka s-servizz tal-internet. Il-Kunsill kulma jrid jagħmel huwa trenching u l-arbli. (SZ) infurmah illi mit-Teatru Grieg 'l hawn, m' hemmx link. (AC) qal li ser jipprova jġib stima, imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi minn hemm.

41.13.02 (AC) tkellem fuq l-automatic barrier, li jrid jinbidel il-Boom. Madankollu, qabel ma jsiru ż-żewġ sleeping policeman, dan il-Boom ma jistax jiġi mibdul. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn għandhom isiru tal-lastiku. (AC) qal li r-residenti qegħdin igorru minħabba li qegħdin jidħlu l-bowsers. Is-Sindku talab lil (AC), sabiex jgħaddilu d-dettalji, ħalli jikteb lil LESA.

41.13.02 (AC) staqsa lis-(SE) fuq emajl li kellha tintbagħat minn persuna, li xtaqet tressaq it-talba tagħha, għal gabbana fuq ix-xatt. (SE) wieġbet li ser tiċċekja fuqa u tibgħata permezz t'emajl lil kunsilliera, għall-approvazzjoni tagħhom.

## 41.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

41.14.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-disgħa u nofs u ħames minuti. Il-Kunsill qabel li s-seduta (42) issir ġewwa l-binja tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 14 t' Ottubru, fis-sitta nieqsin kwart (17:45).

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |